MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 53/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Amity Developments Limited,**
**Maria Buhagiar u Anton Pace**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta’ attrici tad-19 ta’ Jannar 2011 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’sitt kuntratti, tnejn minnhom, in atti Nutar Dottor Adiana Vella datati 2 ta’ Marzu 2006 (Dok. A) u 22 ta’ Marzu 2007 (Dok. B), u l-erba’ l-ohra in atti Nutar Dottor Nicolette Sahw datati 28 ta’ Settembru 2006 (Dok. C), 23 ta’ Frar 2007 (Dok. D), 28 ta’ Gunju 2007 (Dok. E) u 28 ta’ Gunju 2007 (Dok F), is-socjeta’ attrici kkoncediet facilita’ bankarja lis-socjeta’ Amity Developments Limited;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' Amity Developments Limited fis-somma ta' miljun, erba' mija u hamsa u tletin elf, seba' mija u tnejn u tletin Euro u disgha u disghin centezmu (€1,435,732.99) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" tas-socjeta' Amity Developments Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. G1 sa G3, H1 sa H3, I1 sa I3, J1 sa J4, K1 sa K3, L1 sa L3, M1 sa M3 u N) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-8 ta' Dicembru 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi permezz ta' tlett skritturi privati datati 7 ta' Frar 2006 (Dok. O), 26 ta' Frar 2007 (Dok. P) u 3 ta' Ottubru 2007 (Dok. Q), il-konvenuta Maria Buhagiar iggarantiet flimkien u *"in solidum"* mas-socjeta' Amity Developments Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess socjeta' Amity Developments Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

4. Illi permezz ta' tlett skritturi privati datati 7 ta' Frar 2006 (Dok. R), 26 ta' Frar 2007 (Dok. S) u 3 ta' Ottubru 2007 (Dok. T), il-konvenut Anton Pace iggarantixxa flimkien u *"in solidum"* mas-socjeta' Amity Developments Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess socjeta' Amity Developments Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

5. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokumenti A, B, C, D, E, F, O, P, Q, R, S u T), partikolarment imma mhux esklussivament, billi socjeta' Amity Developments Limited, Maria Buhagiar u Anton Pace

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi,
(b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikata, u/jew,
(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess socjeta' Amity Developments Limited, Maria Buhagiar u Anton Pace li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici;

6. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

7. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ tlett ittri ufficjali datati 28 ta’ Lulju 2010, li kopji taghhom qed jigi hawn ezibiti u mmarkati Dok. U, V, u W sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil- kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokumenti A, B, C, D, E, F, O, P, Q, R, S u T), partikolarment imma mhux esklussivament, billi socjeta’ Amity Developments Limited, Maria Buhagiar u Anton Pace (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess socjeta’ Amity Developments Limited, Maria Buhagiar u Anton Pace li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti Amity Developments Limited, Maria Buhagiar u Anton Pace, jhallsu lis-socjeta’ attrici flimkien u *”in solidum”* bejniethom is-somma ta’ miljun, erba’ mija u hamsa u tletin elf, seba’ mija u tnejn u tletin Euro u disgha u disghin centezmu (€1,435,732.99) bilanc ghad-debitu fil-”*Loan Accounts”* tas-socjeta’ Amity Developments Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. G1 sa G3, H1 sa H3, I1 sa I3, J1 sa J4, K1 sa K3, L1 sa L3, M1 sa M3 u N) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-8 ta’ Dicembru 2010 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tat-tlett ittri ufficjali datati 28 ta' Lulju 2010 u tal-Mandati ta' Sekwestru li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huwa ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta' rikorrenti;

Rat in-nota tal-konvenuti kollha pprezentata fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2011 li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat;

Wara li l-Qorti ezaminat  l-atti, jirrizulta illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta ppruvata mid-dokumenti minnha esebiti cioe Dok. A sa Dok. T annessi mar-rikors guramentat, u ghalhekk qed tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti (kontra l-intimati), bl-ispejjez  u imghax kif mitluba sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------